## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 193/2022 LC

**K SHIPPING AGENCY LIMITED**
**(C-19237)**

*vs*

**DAHA OILS AND GAS LIMITED**
**(C-19237)**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti ppreżentat fit-30 ta' Awwissu, 2022 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' tnax-il elf, tlett mija u disgħa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€12,379.20), kif ukoll l-imgħaxxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont kiendovut sad-data tal-pagment effettiv u l-ispejjeż legali rappreżentanti servizzi lilek reżi matul is-sena elfejn u tmintax (2018) in konnessjoni mal-vapur bl-isem M/T Jaguar.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat illi wara diversi tentattivi ta' notifika, is-soċjetà rikorrenti ġiet awtorizzata tinnotifika lill-konvenuta bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi n-notifika tas-soċjetà konvenuta saret fit-02 ta' Ġunju 2023;

Rat illi s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda risposta sabiex tilqa' għat-talba tas-soċjetà rikorrenti;

Rat illi fis-seduta tat-08 ta' Novembru 2023 is-soċjetà rikorrenti għalqet il-provi tagħha;

Rat illi s-seduta tal-lum kienet intiża għall-provi tas-soċjetà intimata iżda msejjħa diversi drabi din baqgħet ma deheritx;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Kevin Attard illi s-soċjetà rikorrenti kienet l-aġenzija intermedjarja ta' żewġ vapuri, Bony B u Jaguar, li kienu tas-soċjetà intimata, sakemm dawn jinbiegħu. Huma kienu jieħdu struzzjonijiet minn ċerta Paul Cutajar dwar x'kellhom bżonn dawn il-bastimenti. Bħala aġenzija intermedjarja s-soċjetà rikorrenti kellha tieħu ħsieb diversi affarijiet fosthom fuel, ikel, bunkering, spare parts, mediċini, u dak kollu li jkollu bżonn. Ġara li dawn il-bastimenti kienu ser jinbiegħu għal diversi drabi iżda minħabba l-kondizzjoni tagħhom u anke minħabba li kellhom xi dokumenti skaduti, ġie deċiż li l-bastimenti jiġu skrapjati.

Spjega li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża jirrappreżenta fattura li ma ġietx imħallsa għaliex iċ-cheque offert għall-pagament kellu diskrepanzi bejn il-kliem u l-figuri. L-imsemmi Paul Cutajar kien qalilhom li se jtihom cheque ieħor iżda baqa' qatt ma ppreżentalhom cheque ġdid.

Illi mill-fattura ppreżentata in atti jirriżulta illi din hija datata 9 ta' April 2019 u maħruġa għall-ammont ta' €12,379.20. Illi ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' cheque maħruġ fuq il-Bank HSBC , bin-numru 1744 u datat l-10 ta' April 2019 li minnu jirriżulta ampju li hemm diskrepanza netta bejn il-kliem u bejn il-figuri hemm indikati.

Illi b'hekk, is-somma mitluba mis-soċjetà rikorrenti ġiet suffiċjentement ipprovata;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-imgħax, is-soċjetà rikorrenti titlob li dan għandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bit-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti qed tibbaża fuq id-dispost tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita"*

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta' natura kummerċjali jew ta' natura purament ċivili.

L-Artikolu 5(e) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma soċjetajiet kummerċjali għandha titqies li hija att ta' kummerċ. Fil-każ preżenti, il-kontendenti huma soċjetajiet kummerċjali u b'hekk, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-fattura ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti jirriżulta illi dan il-bilanċ ilu dovut sa mid-09 ta' April 2019 u dan peress li minkejja inħareġ cheque datat l-10 ta' April 2019, dan iċ-cheque ma setax jissarraf għar-raġunijiet hawn fuq diġà esposti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Daha Oils and Gas Limited tħallasha s-somma ta' tnax-il elf, tlett mija u disgħa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€12,379.20), bl-imgħax dekorribbli mid-09 ta' April 2019 sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjeż tal-preżenti huma a karigu esklussiv tas-soċjetà intimata.

Ft. Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**